

Fir-rigward tal-kooperazzjoni bilaterali bejn Prym Fashion u r-rikorrenti YKK Stocko Fasteners u YKK Corp., ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset li l-kooperazzjoni kienet ta' dimensjoni dinjija.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni tripartitika bejn Coats, Prym u r-rikorrenti YKK Holding Europe, ir-rikorrenti jsostnu:

- li l-Kummissjoni naqset milli turi b'mod adegwat li d-diskussjonijiet dwar l-armonizzazzjoni fil-prezzijiet waqt il-ħames laqgħat dwar iż-żippijiet fl-1998 u l-1999 jikkostitwixxu ftehim jew Prattika miftehma bi ksur ta' l-Artikolu 81 KE;
- li jekk id-diskussjonijiet waqt il-ħames laqgħat dwar iż-żippijiet fl-1998 u l-1999 jikkostitwixxu ksur ta' l-Artikolu 81 KE, ir-rikorrenti kellhom jingħataw tnaqqis fil-multi minħabba l-kooperazzjoni tagħhom mal-Kummissjoni taħt l-programm ta' klemenza tal-Kummissjoni;
- li dawn id-diskussjonijiet mhumiex biżżejjed biex jitqiesu bħala ksur "serju ħafna";
- li l-multa imposta mill-Kummissjoni mhijiex proporzjonata man-natura ta' kwalunkwe ksur possibbli; u
- li l-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra l-impatt ta' tali ksur fuq is-suq Komuntarju.

(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 2003, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2007 — Ecolan Research & Development vs L-UASI

(Kawża T-452/07)

(2008/C 51/84)

Lingwa tar-rikors: L-Iżvediż

Partijiet

Rikorrenti: Ecolan Research & Development A/S (Copenhagen, id-Danimarka) (rappreżentant: L.-E. Ström, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

- Ir-rinviju tal-każ lill-Bord ta' l-Appell għal eżaminazzjoni mill-ġdid.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali CAPS għal prodotti fil-klassijiet 7, 16 u 17 — applikazzjoni Nru 4 957 131

Deċiżjoni ta' l-eżaminatur: iċ-ċaħda ta' l-applikazzjoni

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: iċ-ċaħda ta' l-appell

Motivi invokati: Il-Bord ta' Appell kiser forom proċedurali essenzjali u r-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, minn naħa, billi naqas li jirriveva li l-appell kien imissu ġie tradott għall-Iżvediż, il-lingwa prinċipali tar-rikorrenti, u, min-naħa l-oħra, billi laq' l-appell u kompla jikkorrispondi bl-Ingliż. Għaldaqstant, il-Bord ta' l-Appell naqas milli josserva l-prinċipji ta' ħarsien ta' l-aspettattivi leġittimi u ta' trattament ugwali.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2007 — Prym et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-454/07)

(2008/C 51/85)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: William Prym GmbH & Co. KG (Stolberg, il-Ġermanja), Prym Inovon GmbH & Co. KG (Stolberg, il-Ġermanja), EP Group S.A. (Comines-Warneton, il-Belġju) (rappreżentanti: H.-J. Niemeyer u C. Herrmann, Rechtsanwältin)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Settembru 2007 safejn tirrigwarda lir-rikorrenti;
- sussidjarjament, tnaqqas il-multi imposti fuq ir-rikorrenti fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni għal ammont minimu xieraq;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Settembru 2007, C(2007) 4257 finali (każ COMP/E-1/39.168) — Prodotti tal-haberdashery tal-metall jew tal-plastikk: żippijiet. Fl-imsemmija deċiżjoni, ġiet imposta multa fuq kumpannija fil-grupp Prym minħabba ksur ta' l-Artikolu 81 KE firrigward ta' tliet każijiet separati ta' ksur fis-settur tal-prodotti tal-haberdashery li fih il-Kummissjoni kienet ikkonstatat total ta' erba' każijiet ta' ksur.

Ir-rikorrenti jressqu ħdax-il motiv in sostenn tar-rikors tagħhom.

Fir-rigward ta' l-akkuża ta' akkordju multilaterali fis-settur ta' "żippijiet oħra" u magni għat-tqegħid tagħhom, huma jsostnu:

- ksur ta' l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (¹), safejn grupp ta' fatti inqassmu f'żewġ każijiet ta' ksur differenti;